**QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Valerie Rotin**

Numru 389/2014

Illum 1 ta' Marzu 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Valerie Rotin,** ta' dsatax (19)-il sena, bint Emanuel u Antonia nee' Saliba, imwielda Rabat, Ghawdex nhar is-27 ta' Lulju 1994, residenti fil-fond 14, 'Rotin', Triq Kolaci, Munxar, Ghawdex u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 26394(G), akkuzata talli nhar is-27 ta' April 2014, ghall-habta ta' 1:10 ta' filghodu, waqt li kienet qieghda ssuq vettura tal-ghamla Maruti 800, bin-numru tar-registrazzjoni JBE 374, fi Triq il-Papa Gwanni Pawlu II u kantuniera ma' Triq il-Hamimiet, Rabat, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi;

1. B'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajret lil Robert Grima u involontarjament ikkagunatlu offiza ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr. P. Sciberras M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi saqet vettura tal-ghamla Maruti 800, bin-numru tar-registrazzjoni JBE 374, b'manjiera traskurata, bla kont  u perikoluz;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku involotarjament ghamlet xi hsara jew hassret jew gharrqet hwejjeg haddiehor u cioe' mutur tal-ghamla Hyosung Karion bin-numru tar-registrazzjoni LCM 279 ghad-dannu ta' Robert Grima;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi meta kienet qieghda taghmel uzu minn vettura tal-ghamla Maruti 800, bin-numru tar-registrazzjoni JBE 374, ostakolat il-karreggjata tat-traffiku;

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata f'kaz ta' htija tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li hu xieraq;

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

**PRELIMINARI**

1. Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhix Qorti Civili. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-

Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha. Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet sommarji hija ritenuta bħala un avviso a comparire, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

2. Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-Akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali. Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

3. Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħa jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

4. Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li ma humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

5. F'kull każ pero, stante li din hija qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet, huwa biżżejjed għad- Difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabilita' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

6. Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

7. Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkużi li jkunu ġew magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputata u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjonijiet preżentati lilha mill-Prosekuzzjoni.

## KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI

Fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Renald Vella**[1] jinghad**:**

"Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. [vide Appell Kriminali - Kol. Vol. XLIV/892 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Spiteri**].

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Alfred Mifsud**, iddefiniet bl-aktar mod semplici u ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat'

[1] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad- disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-**Pulizija vs John Mamo**, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:

> "*Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissuggerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l- prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn.*"

Issa, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Tanya Sacco** l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sebgha u ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm *a proper look out* ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.

Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.

Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide **Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia** - Vol. XXXIII - pg. 968].

Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant".

[Davies *f' Law of Road Traffic* citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs Cassar Desain** deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-pozizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:

1. la volontarieta' dell'atto;
2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u
3. la possibilita di prevedere.

Fis-sentenza moghtiha mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Alfred Mifsud**, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta' sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:

**Sewqan traskurat** (*negligent driving*) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l- ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.

**Sewqan bla kont** [*reckless driving*] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed

deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.

**Sewqan perikoluz** [*dangerous driving*] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-**Pulizija vs Charlotte Chamberlain**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Clive Vella** saret referenza ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Frar 2003 fis-sentenza fl-ismjiet : 'Il-Pulizija vs **Francis William Peter George Zarb Adami':**

> *'F'kazijiet ta' incidenti stradali, hemm certa presumptions of fact li johorgu mill-assjem tar-rizultanzi ta' dak l-incident, li fil-gurisprudenza antika kienu jissejhu 'res ipsa loquitur u li llum ikun korrett li jissejhu circumstantial evidence u li jistghu jimmiltaw biex min irid jiggudika jasal ghal certi konkluzjonijiet dwar ir-responsabilita' o meno tal-akkuzat.'*

**Verzjonijiet differenti**

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza Pulizija vs. Joseph Thorn deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs. John Pace** deciza fil-31 ta' Ottubru 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet is-segwenti:

> *"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz tal-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi wara din ir-referenza dwar il-posizzjoni legali, se jigu elenkati l-fatti li taw lok ghall-proceduri odjerni. Mill-atti jirrizulta s-segwenti:

L-incident tat-traffiku sehh fis-27 ta' April 2014, ghall-habta ta' 1:10 ta' filghodu, meta l-imputata kienet qeghda ssuq vettura tal-ghamla Maruti 800, bin-numru tar-registrazzjoni JBE 374, fi Triq il-Papa Gwanni Pawlu II u kantuniera ma' Triq il-Hamimiet, Rabat, Ghawdex.

Il-*parte civile* kien gej lura mix-xoghol wara li spicca x-*shift* mal-Gozo Channel fejn jahdem. Kien qieghed isuq il-mutur tal-ghamla Hyosung

Karion bin-numru tar-registrazzjoni LCM 279 fi triqtu lejn San Lawrenz.

L-imputata kienet mal-habiba taghha u wara li attendew party kienet qieghda twassal lil habiba taghha u kellha wara li tohrog mit-triq sekondarja Triq il-Hamimiet iddur fuq il-lemin u taqbad Triq il-Papa Gwanni Pawlu II lejn ir-Rabat. X'hin harget mit-triq sekondarja habtet mal-mutur misjuq mill-*parte civile*.

Fl-incident il-*parte civile* sofra griehi gravi u hsara fil-mutur tieghu.

**Oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi**

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** Vol. III Kap IV pagna 234, Edizione 1890:-

*"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Huwa minnu, kif gie allegat mid-difiza, li jekk il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet konfliggenti, ghandha tillibera, stante li tali konflitt ghandu jmur a beneficcju tal-imputat. Pero' huwa veru wkoll kif gie deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-dsatax (19) ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs **Graham Charles Ducker**:

> *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".*

Illi din il-Qorti hija tal-fehma li f'materja ta' incidenti stradali l-provi indizzjarji, hafna drabi jista' jkunu siewja ferm, u xi drabi jistghu anki jkunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistghu jkunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b'dak li

jissejjah "*esprit de voiture*". U mbaghad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistghu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li gara, dawn il-provi indizzjarji, jistghu facilment u minghajr bzonn ta' hafna tigbid, jaghtu stampa cara tad-dinamika tal-incident. S'intendi, bhal kull prova indiretta ohra, iridu jkunu tali li jwasslu ghal konkluzzjoni univoka u li biha l-gudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-htija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkuzat.

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg versjonijiet daqsxejn opposti.

**Il-Qorti taghmilha cara li kif tpoggew il-fatti quddiemha inkluz l-iskizz esebit ma teskludix li l-*parte civile* quddiem Qorti civili jirnexxielu fuq bazi ta' probabilita' jiehu ragun u jinghata rimedju ghad-danni li sofra.**

Il-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, waqt li d-difiza trid tipprova d-difiza taghha fuq bazi ta' probabilita'.

Il-kompitu ta` din il-Qorti hu li taghmel analizi approfondita tal-provi mressqa mill-partijiet. U wara li taghmel tali ezami, trid taghmel id-domanda jekk il-Prosekuzzjoni ppruvatx il-kaz taghha skond il-ligi.

Huwa vera li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu necessarjament igib il-liberazzjoni ta` dak jew dik li jkunu gew akkuzati b'reat. Anzi, fejn hemm tali kunflitt, il-Qorti trid tkun aktar attenta fl-analizi taghha biex tara jekk hemmx xi fatt iehor rizultanti mill-atti li jista' jixhet dawl fuq ir-rizoluzzjoni tal-kawza.

Din il-Qorti hekk ghamlet u wara tali analizi tinsab f'qaghda tiddikjara illi f'dan il-kaz, mehud kollox flimkien, din il-Qorti ma tpoggietx f'pozizzjoni li fiha tista legittimament tiddikjara l-htija tal-imputata

skont il-ligi. Qieset kemm qieset ic-cirkostanzi kollha ta` dan il-kaz, din il-Qorti baqghet kolpita minn dubbju. Fi kliem iehor, mehud kollox flimkien, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tilhaq il-grad tal-prova rikjest fil-kamp penali sabiex tigi dikjarata l-htija skont il-ligi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputata mhux hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u konsegwentement tilliberaha minnhom.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**